MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2001

Numru 1/2001

**Il-Pulizja**
**(Sp. David Saliba)**

**vs**

**Raymond Mugliett ta’ 33 sena bin Carmelo u Maria nee Gatt, imwieled Mtarfa fis-27 ta’ Mejju, 1966 u joqghod Flat 3, Numru 18, Triq is-Sirena, l-Isla, Detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 251266(M).**

**Illum 13 ta’ Frar, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Mugliett li gie akkuzat talli fis-6 ta’ Frar, 1999 u/jew fil-granet ta’ qabel fil-kwartieri Generali tal-Pulizija gewwa l-Furjana wara nofsinhar, halef il-falz quddiem il-Magistrat

Inkwirenti, il-Magistrat Dr A. Lofaro LL. D., jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament u dan bi ksur tal-artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi b'qerq holoq, jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, kif ukoll iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur tal-artikolu 110(1) u (2) tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Fl-ahhar nett akkuzat talli jinsab recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definitivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li hu hati ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li ma riedx zmien biex jahseb fuq l-istess ammissjoni.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Illi in vista ta' l-ammissjoni qeghda ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 108(1) u 110(1)(2) u l-artikolu 17 tal-Kap 9. Rat li l-Art 50 ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni wara li rat il-fedina penali ta' l-imputat, ghalhekk il-Qorti tista' tapplika l-piena ta' sentenza sospiza, rat l-Art 28A u tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin, rat ukoll l-artiklu 109 tal-Kap 9 u tapplika interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem

Qrati tal-Gustizzja u bhala perit ghal zmien hames snin mil-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.